MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 829/2003

**Paul u Domenica konjugi Grima**

**Vs**

**Silvio Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-atturi, fejn wara li ippremettew:

Illi l-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru certu u likwidu debitur a favur ta' l-attur fis-somma ta' hamest elef u hamsin Lira (Lm5,050) skond skrittura privata datata 1 ta' Awissu 2002, oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8%) p.a. u l-pagament kellu jsir fi zmien erba' (4) xhur (Dok A);

Illi t-terminu ghal pagament gie estiz bi skrittura privata ohra datata 2 ta' Dicembru, 2002, b'sitt (6) xhur ohra (Dok B) cioe` sat-2 ta' Gunju 2003;

Illi l-konvenut ma ghamel l-ebda pagament fit-2 ta' Gunju, 2003;

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi l-attrici hija kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejna u bejn zewgha;

Talbu illi din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut veru cert u likwidu debitur a favur ta' l-atturi fis-somma ta' hamest elef u hamsin Lira (Lm5,050) oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8%) p.a. b'effett mill-1 ta' Awissu, 2002, sad-data tal-pagament effettiv;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hamest
elef u hamsin Lira (Lm5,050) oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mill-1 ta' Awissu, 2002, sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati 29 ta' Mejju, 2003, u 10 ta' Lulju, 2003 u ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Gunju, 2003, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------